IL-KNISJA F'MALTA
UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

27 ta' Novembru 2015
131/2015

## KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA, BURMARRAD

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Patri Christian Anthony Borg OFM Conv. bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Patri Christian twieled fis-26 ta' Diċembru 1987. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola Santa Eliżabetta f'Tas-Sliema, l-edukazzjoni sekondarja u post sekondarja fil-Kulleġġ San Alwiġi f'Birkirkara. Kompla l-istudji terzjarji fl-Istituto Teologico di Assisi.

Patri Christian kien ordnat saċerdot fl-1 ta' Lulju 2014. Beda l-ħidma pastorali fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt Valletta.

Il-Parroċċa ta' Burmarrad tiġbor fiha madwar 1,200 persuna f'400 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org